Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

6 ta’ Settembru 2018*

“Appell – Politika estera u ta’ sigurtà komuni (PESK) – Ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari – Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran – Miżuri settorjali – Restrizzjonijiet għat-trasferimenti ta’ fondi li jinvolvu stabbilimenti finanzjarji Iranjani – Tisħiħ tal-miżuri restrittivi– Sistema kontenzjuża li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2012/635/PESK u mir-Regolament (UE) Nru 1263/2012 – Implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni Komprensiv Konġunt dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana – It-tneħħija tal-miżuri restrittivi kollha tal-Unjoni Ewropea marbuta ma’ din il-kwistjoni – Tħassir tas-sistema kkontestata fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali – Impatt fuq l-interess ġuridiku quddiem il-Qorti Ġenerali – Assenza ta’ persistenza tal-interess ġuridiku”

Fil-Kawża C-430/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-2 ta’ Awwissu 2016,

**Bank Mellat**, stabbilit f’Tehran (Iran), irrappreżentata minn M. Brindle u T. Otty, QC, u minn J. MacLeod u M. R. Blakeley, barristers, kif ukoll minn M. S. Zaiwalla u minn Z. Burbeza, A. Meskarian u P. Reddy, solicitors

rikorrent,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat minn M. Bishop u I. Rodios, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn D. Gauci u M. Konstantinidis, bħala aġenti,

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq**, irrappreżentat minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn M. Gray, barrister,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Rosas, C. Toader, A. Prechal (Relatur) u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Jannar 2018,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, Bank Mellat jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Ġunju 2016, Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-160/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2016:331), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012, tat-21 ta' Diċembru 2012, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012, L 356, p. 34, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), jew tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn hija ma tipprevedix eċċezzjoni li tapplika għall-każ ta' Bank Mellat, kif ukoll it-talba tagħha intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tiddikjara li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012, L 282, p. 58), ma tapplikax għalih.

### Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-Bank Mellat, li huwa bank kummerċjali Iranjan, kien suġġett, skont diversi atti legali tal-Unjoni li jimplimentaw riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, għal iffriżar tal-fondi u riżorsi ekonomiċi, peress li huwa kkunsidrat li dan il-bank ikkontribwixxa għall-proliferazzjoni nukleari Iranjana. Għal dan il-għan, l-isem ta' dak il-bank kien imsemmi fil-listi annessi għall-atti msemmija.

3 Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Jannar 2013, Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-496/10, EU:T:2013:39), il-Qorti Ġenerali annullat l-inklużjoni ta' Bank Mellat fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010, L 195, p. 39), fil-lista li tinsab fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2007, L 103, p. 1), fil-lista li tinsab fl-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1) u fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1) (iktar 'il quddiem fir-rigward tal-entrati kollha kkonċernati, il-"miżuri restrittivi individwali").

4 Permezz tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat (C-176/13 P, EU:C:2016:96), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ippreżentat kontra din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

5 Din il-kawża tirrigwarda s-sistema ta' restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti ta' fondi u fuq servizzi finanzjarji previsti, f'termini sostanzjalment identiċi, fil-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Kapitolu V tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, ukoll bl-użu ta' kliem sostanzjalment identiċi, rispettivament, permezz tad-Deċiżjoni 2012/635 u permezz tar-Regolament ikkontestat (iktar 'il quddiem is-"sistema kontenzjuża").

6 B'mod partikolari, il-punt 6 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2012/635 emenda l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2010/413. L-Artikolu 1(15) tar-regolament kontenzjuż emenda l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012 u żied l-Artikoli 30a u 30b ma' dan tal-aħħar.

7 B'dawn l-emendi, is-sistema kontenzjuża kellha l-għan li ssaħħaħ is-sistema settorjali ta' limitazzjonijiet diġà previsti fil-Kapitolu II tad-Deċiżjoni 2010/413 u mill-Kapitolu V tar-Regolament Nru 267/2012.

8 Il-premessa 12 tad-Deċiżjoni 2012/635 tistabbilixxi:

"Sabiex jiġi impedut it-trasferiment ta' assi finanzjarji jew assi jew riżorsi oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni, jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport ta' armi nukleari, it-transazzjonijiet bejn il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u dawk Iranjani, għandhom ikunu pprojbiti, sakemm ma jkunux awtorizzati minn qabel mill-Istat Membru rilevanti. Dan m'għandux jipprevjeni l-kontinwazzjoni tal-kummerċ li mhuwiex ipprojbit taħt id-Deċiżjoni [2010/413]."

9 L-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, mir-regolament kontenzjuż (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 267/2012 emendat") jipprevedi restrizzjonijiet għat-tranżazzjonijiet finanzjarji bejn, minn naħa, l-istabbilimenti finanzjarji u ta' kreditu u l-uffiċċji ta' skambju stabbiliti fl-Iran kif ukoll il-fergħat u sussidjarji tagħhom u l-istabbilimenti finanzjarji u ta' kreditu u l-uffiċċji ta' skambju kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi ddomiċiljati fl-Iran, u, min-naħa l-oħra, l-istabbilimenti finanzjarji tal-Unjoni.

10 B'mod partikolari, skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jistgħu jitwettqu biss, l-ewwel nett, it-trasferimenti umanitarji, it-tieni nett, it-trasferimenti ta' fondi individwali, it-tielet nett, it-trasferimenti marbuta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku sakemm it-trasferiment inkwistjoni ma jkunx projbit mir-Regolament Nru 267/2012, ir-raba' nett, it-trasferimenti li jirrigwardaw il-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-ħames nett, it-trasferimenti li jirrigwardaw il-pagamenti intiżi li jissodisfaw l-ilmenti mwettqa kontra persuna, entità jew korp Iranjan jew it-trasferimenti ta' natura simili u, is-sitt nett, it-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn kuntratti msemmija fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament Nru 267/2012.

11 Skont l-Artikolu 30(3) sa (5) tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jirriżulta li t-trasferimenti ta' fondi li jistgħu jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 30(2) ta' dan ir-regolament huma suġġetti, skont il-każ u l-għan tagħhom, għal obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-awtorità nazzjonali kompetenti.

12 L-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif emendat, jipprevedi, b'mod partikolari, ċerti restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' fondi bejn, minn naħa, persuni, entitajiet jew korpi Iranjani u, min-naħa l-oħra, residenti tal-Unjoni, li ma jissemmewx mill-Artikolu 30 tal-istess regolament.

13 Skont l-Artikolu 30b(1) tar-Regolament Nru 267/2012, ir-restrizzjonijiet previsti fl-Artikoli 30 u 30a tal-istess regolament ma japplikawx meta awtorizzazzjoni tkun ingħatat konformement mal-Artikoli 24, 25, 26, 27, 28 jew 28a tal-imsemmi regolament.

14 L-Artikolu 30b(3) tar-Regolament 267/2012, kif emendat għall-finijiet tal-Artikolu 30(3)(b) u (c) u l-Artikolu 30a(1)(c) ta' dan ir-regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni, skont il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, salv jekk ikollhom raġuni li ġġegħilhom jaħsbu li t-trasferiment ta' fondi li għalih intalbet l-awtorizzazzjoni jista' jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet jew obbligi previsti mir-Regolament Nru 267/2012.

15 Sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt tal-14 ta' Lulju 2015 miftiehem mar-Repubblika Iżlamika tal-Iran fuq il-kwistjoni nukleari tal-Iran (iktar 'il quddiem il-"Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt"), li tipprevedi li jiġu rtirati l-miżuri ristrettivi kollha tal-UE relatati man-nukleari, il-punt 17 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tal-

18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Direttiva 2010/413 (ĠU 2015, L 274, p. 174), jipprevedi li l-applikazzjoni tal-miżuri previsti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2010/413 għandha tiġi sospiża.

16 Għal dan il-għan, l-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1861 tat-18 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament Nru 267/2012 (ĠU 2015, L 274, p. 1), jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Artikoli 30, 30a u 30b tar-Regolament Nru 267/2012 għandhom jitħassru.

17 Fl-aħħar nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/37 tas-16 ta' Jannar 2016 dwar id-data ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1863 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2016, L 11 I, p. 1), u nota ta' informazzjoni tal-Kunsill (ĠU 2016, C 15 I, p. 1) li s-sistema kkontestata ma baqgħatx applikabbli wara s-16 ta' Jannar 2016.

## Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

18 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Marzu 2013, Bank Mellat ippreżenta rikors li jinkludi tliet kapijiet ta' talbiet, intiż, l-ewwel nett, għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, it-tieni nett, għall-annullament tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn ma tipprevedix eċċezzjoni li tapplika għal każ tiegħu u, it-tielet nett, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jiddikjara li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 ma tapplikax għalih.

19 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors.

20 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, li ma kinitx kompetenti, skont l-Artikolu 275 TFUE, sabiex tiddeċiedi fuq it-tielet kap tat-talbiet, peress li l-eċċezzjoni ta' illegalità, skont l-Artikolu 277 TFUE fil-kuntest tat-tielet kap tat-talbiet, ma kinitx imqajma insostenn ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra "deċiżjoni li tipprovdi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi", fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 huma miżuri ta' natura ġenerali, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa ddeterminat b'riferiment għal kriterji oġġettivi.

21 Sussegwentement, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 59 sa 61 tas-sentenza appellata, bħala inammissibbli, ir-rikors sa fejn dan kien jikkonċerna, minn naħa, l-Artikolu 30a tar-Regolament Nru 267/2012, kif miżjud bl-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, minħabba li Bank Mellat, bħala stabbiliment finanzjarju stabbilit fl-Iran, ma kienx previst minn din id-dispożizzjoni, u, min-naħa l-oħra, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30b(3) tar-Regolament Nru 267/2012, peress li din id-dispożizzjoni ma tikkonċernax direttament lil Bank Mellat u kienet tinkludi, barra minn hekk, miżuri ta' implimentazzjoni.

22 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 68 sa 78 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq il-fatt li, fid-data tal-preżentata tar-rikors tiegħu, il-Bank Mellat ma kellux interess li jikkontesta l-legalità tas-sistema prevista fl-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, peress li kien ġie diġà suġġett għall-miżuri individwali ta' ffriżar tal-fondi adottati skont ir-Regolament Nru 267/2012, minħabba essenzjalment li, meta l-annullament ta' dawn il-miżuri individwali saret effettiva wara l-għoti tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat (C‑176/13 P, EU:C:2016:96), il-Bank Mellat ġie effettivament suġġett għas-sistema kkontestata, bir-restrizzjonijiet kollha li jirriżultaw minnha, bħala dritt, mingħajr l-intervent ta' xi att legali addizzjonali, u żamm għalhekk interess li jikkontesta din is-sistema.

23 Fl-aħħar nett, fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-erba' motivi invokati mill-Bank Mellat insostenn tal-ewwel u t-tieni kapijiet tat-talbiet.

**It-talbiet tal-partijiet**

24 Il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla l-Artikolu 1(15) tar-Regolament Nru 1263/2012 kollu kemm hu jew sa fejn japplika għar-rikorrent;

– tiddikjara l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 inapplikabbli għar-rikorrent, u

– tikkundana lill-Kunsill għall-ispejjeż marbuta mal-appell u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

25 Il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Bank Mellat għall-ispejjeż.

26 Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u talloka l-ispejjeż tagħha lill-Bank Mellat.

**Fuq l-appell**

***L-argumenti tal-partijiet***

27 Il-Kunsill isostni, prinċipalment, li l-Bank Mellat ma għandux interess ġuridiku, peress li s-sistema kkontestata ġiet imħassra b'effett mis-16 ta' Jannar 2016.

28 Filwaqt li tirreferi għall-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 61 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), il-Kunsill isostni li l-Bank Mellat ma tikseb ebda benefiċċju mill-annullament mill-Qorti tal-Ġustizzja tas-sistema kkontestata.

29 Fil-fatt, l-annullament ta' din is-sistema ma tqegħidx lill-Bank Mellat fis-sitwazzjoni inizjali tiegħu, peress li dawn il-miżuri kellhom portata ġenerali u kienu jirrigwardaw l-istituzzjonijiet finanzjarji Iranjani kollha b'mod identiku. Din lanqas ma twassal lill-Kunsill sabiex, fil-futur, twettaq l-emendi xierqa, peress li dawn il-miżuri kienu diġà tneħħew.

30 Barra minn hekk, il-Kunsill isostni li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni li kienet inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322), is-sistema kkontestata ġiet imħassra u ma hemm l-ebda proċedura oħra rilevanti, li tista' tiġi invokata jew stabbilita fil-futur.

31 Barra minn hekk, peress li l-Qorti Ġenerali kkonfermat, permezz tas-sentenza appellata, il-legalità tas-sistema kkontestata, l-annullament eventwali tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ebda każ ma jista' jservi bħala bażi għal rikors għad-danni, peress li l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali ma hijiex sodisfatta.

32 Fl-aħħar nett, il-Kunsill, b'riferiment għas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331, punti 70 sa 74), jenfasizza li s-sistema kkontestata ma kellhiex impatt fuq ir-reputazzjoni tal-Bank Mellat, peress li, bil-maqlub tal-miżuri restrittivi individwali, din kienet tirrigwarda l-istabbilimenti finanzjarji Iranjani kollha b'mod identiku.

33 F'dan ir-rigward, din is-sistema ma timplikax dak li ġie allegat li r-rikorrent jew banek u istituzzjonijiet finanzjarji Iranjani kkonċernati oħra kinu appoġġjaw l-attivitajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran fil-qasam tal-proliferazzjoni nukleari. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 171 sa 173 tas-sentenza appellata, l-imsemmija sistema hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi indirizzat ir-riskju li l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji Iranjani jiġu użati, possibbilment mingħajr l-għarfien tagħhom, sabiex jiffaċilitaw dawk l-attivitajiet.

34 Il-Kummissjoni għandha dubji dwar l-eżistenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fid-data tal-preżentata ta' dan l-appell.

35 Fil-fatt, matul il-perijodu kollu li fih il-Bank Mellat ġie suġġett għas-sistema inkwistjoni, huwa kien ukoll suġġett għal miżuri restrittivi individwali aktar stretti, li jimplika, kif jirriżulta mill-punt 75 tas-sentenza appellata, li l-adozzjoni tas-sistema kkontestata ma kellhiex impatt immedjatament effettiv fuqu. Għaldaqstant, annullament tas-sistema kkontestata ma jkollha l-ebda impatt reali fuq is-sitwazzjoni ta' Bank Mellat.

36 Barra minn hekk, ir-rikorrent ma uriex li l-illegalità allegata tista' tirriproduċi ruħha fil-futur indipendentement miċ-ċirkustanzi li taw lok għar-rikors tiegħu, b'tali mod li l-prinċipju stabbilit mis-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322), ma huwiex applikabbli.

37 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-appell ma jistax iwassal biex ir-rikorrent jikseb kumpens li jmur lil hinn minn dak li diġà kiseb permezz tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat (C-176/13 P, EU:C:2016:96), fid-dawl tan-natura vinkolanti tal-miżuri restrittivi individwali inkwistjoni f'din is-sentenza. Il-Bank Mellat diffiċilment jista' jiġġustifika preġudizzju għar-reputazzjoni tiegħu, subit minħabba s-sistema kkontestata matul perijodu li matulu huwa kien ukoll suġġett għal miżuri restrittivi individwali.

38 Il-Bank Mellat isostni li huwa għad għandu interess ġuridiku kontra s-sistema kontenzjuża, għar-raġuni li huwa jista' jislet benefiċċju mill-annullament tal-imsemmija sistema.

39 L-ewwel nett, il-Bank Mellat, billi rrefera, b'analoġija, għas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322, punti 50 sa 60), isostni li għandu jiġi prekluż lill-Kunsill li jimplimenta mill-ġdid is-sanzjonijiet ikkonċernati jew li jadotta, fil-ġejjieni, att illegali simili, jekk ikun il-każ, meta jiġi deċiż li dawn is-sanzjonijiet li jiġu stabbiliti mill-ġdid qabel it-tħassir tagħhom issir definittiv, fl-20 ta' Ottubru 2023, li jippermetti l-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt jekk ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ma kinitx tosserva ċerti kundizzjonijiet.

40 Sussegwentement, l-annullament tal-embargo finanzjarju jista' jservi bħala bażi għal azzjoni għal kumpens għad-danni.

41 Barra minn hekk, il-fatt li att ikun ġie rrevokat jew mitmum ma jċaħħadx li-rikorrent mill-interess tiegħu li jistabbilixxi l-illegalità tiegħu, peress li tħassir jew skadenza ma jammontax għal annullament.

42 Fl-aħħar nett, is-sistema kkontestata għandha effett negattiv fuq ir-reputazzjoni ta' Bank Mellat u l-annullament tagħha jkun jikkostitwixxi forma ta' danni mhux kumpensatorji, peress li l-allegazzjonijiet tal-Kunsill li l-banek Iranjani, li fosthom neċessarjament jiissemma l-Bank Mellat, li huwa wieħed mill-ikbar banek Iranjani, huma involuti fl-appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari huma partikolarment dannużi, b'mod partikolari, peress li dan il-bank seta' jistabbilixxi, fil-kuntest tal-proċedura intiża għall-annullament tal-miżuri restrittivi individwali li ġew imposti fuqu, li huwa ma kienx jappoġġja l-proliferazzjoni nukleari.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

43 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, issostni, essenzjalment, li l-Bank Mellat tilfet l-interess ġuridiku tiegħu kontra s-sistema kkontestata wara t-tneħħija ta' din l-iskema b'effett mis-16 ta' Jannar 2016, tħassir li għandu l-għan li jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt.

44 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill kien argumenta li, fid-data tal-preżentata tar-rikors, il-Bank Mellat ma kellux interess li jikkontesta l-legalità tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament ikkontestat, peress li kien ġie diġà suġġett għall-miżuri individwali ta' ffriżar tal-fondi tagħhom u tal-beni.

45 Fil-punti 74 sa 77 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, billi bbażat ruħha fuq ir-raġunament li ġej:

"74 F'dan il-każ, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, [il-Bank Mellat] kien suġġett għall-miżuri restrittivi individwali [...] marbuta mal-allegat involviment tiegħu fil-proliferazzjoni nukleari. Fil-fatt, jekk dawn il-miżuri restrittivi ġew annullati mis-[sentenza tad-29 ta' Jannar 2013, Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-496/10, EU:T:2013:39)], id-dħul fis-seħħ ta' dan l-annullament kien sospiż sakemm tittieħed deċiżjoni fuq l-appell, skont l-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

75 Għaldaqstant, huwa ċertament veru li l-adozzjoni tas-sistema kkontestata ma kellhiex impatt immedjatament effettiv fuq il-[Bank Mellat], peress li l-miżuri restrittivi individwali li ġie suġġett għalihom preċedentement kienu jipprevedu restrizzjonijiet iktar stretti. [...]

76 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, li bħala tali, is-sistema kkontestata tapplika għall-istabbilimenti finanzjarji kollha stabbiliti fl-Iran, u, għaldaqstant, ukoll [Bank Mellat]. Din il-konstatazzjoni timplika b'mod partikolari li, meta, sussegwentement, l-annullament tal-miżuri restrittivi individwali li jirrigwardaw lill-[Bank Mellat] jidħol fis-seħħ, wara [s-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Bank Mellat vs Il-Kunsill, (C-176/13 P, EU:C:2016:96)], il-[Bank Mellat] ġie effettivament suġġett għall-imsemmija sistema, bir-restrizzjonijiet kollha li jirriżultaw minnha, bħala dritt, mingħajr l-intervent ta' xi att legali addizzjonali.

77 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li tiġi kkonstatata f'din il-kawża, l-assenza ta' interess ġuridiku tal-[Bank Mellat] kontra l-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat għandu bħala konsegwenza ksur tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li, wara t-tmiem definittiv tal-miżuri restrittivi individwali li jikkonċernawh, huwa jkun suġġett għall-effetti tas-sistema kkontestata, iżda ma jkunx ammissibbli li jintalab l-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, minħabba l-iskadenza tat-terminu tar-rikors."

46 Issa, l-affermazzjoni li tinsab fit-tieni sentenza tal-punt 76 tas-sentenza appellata hija manifestament ineżatta, peress li, mit-18 ta' Frar 2016, li hija d-data li fiha jsir effettiv l-annullament tal-miżuri restrittivi individwali applikabbli għall-Bank Mellat, wara l-għoti tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat (C-176/13 P, EU:C:2016:96), din ma kinitx "fil-fatt u bi dritt suġġetta" għas-sistema inkwistjoni, peress li din is-sistema kienet diġà irtirata b'effett mis-16 ta' Jannar 2016.

47 Għaldaqstant, kuntrarjament għall-kunsiderazzjonijiet li jidhru fil-punt 77 tas-sentenza appellata, ma jistax jiġi sostnut li l-Bank Mellat kien għad kellu interess li jaġixxi kontra s-sistema kkontestata, għar-raġuni li hija għandha tkun tista' tressaq rikors għall-annullament ta' din l-iskema, peress li dan tal-aħħar sar applikabbli mit-18 ta' Frar 2016.

48 Peress li t-tħassir tas-sistema kkontestata saret qabel l-għoti tas-sentenza appellata, tqum il-kwistjoni ta' jekk din kinitx eliminat l-interess ġuridiku tal-Bank Mellat sabiex iressaq rikors għall-annullament ta' din is-sistema.

49 Peress li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' lok għal deċiżjoni minħabba n-nuqqas tal-persistenza tal-interess ġuridiku, skont l-Artikolu 131 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u l-Artikolu 149 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' titqajjem *ex officio* mill-qrati tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-kuntest ta' dan l-appell, teżamina, jekk ikun il-każ *ex officio*, jekk l-imsemmi tħassir eliminax l-interess ġuridiku tal-Bank Mellat quddiem il-Qorti Ġenerali (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-23 ta' April 2009, Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni, C-362/06 P, EU:C:2009:243, punt 22, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 45).

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu, fid-dawl tas-suġġett tar-rikors, ikun preżenti fil-mument li fih dan jitressaq, u fin-nuqqas ta' dan, ir-rikors għandu jitqies li huwa inammissibbli. Dan is-suġġett tal-kawża, bħal fil-każ tal-interess ġuridiku, għandu jissussisti sakemm tingħata d-deċiżjoni finali, u fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm lok għal deċiżjoni, li jippreżupponi li r-rikors jista', jekk dan jirnexxi, jagħti vantaġġ lill-parti li tkun ippreżentatu (is-sentenzi tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 61, kif ukoll tad-9 ta' Novembru 2017, HX vs Il-Kunsill, C-423/16 P, EU:C:2017:848, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat, l-ewwel nett, jekk l-insenjamenti li jirriżultaw mis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), jistgħux jiġu trasposti għal miżuri bħal dawk imposti mis-sistema kkontestata.

52 Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza,essenzjalment qamet il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrent kienx żamm l-interess ġuridiku sabiex jitlob l-annullament ta' regolament li permezz tiegħu ismu kien inkluż fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet issuspettati li għandhom rabta ma' organizzazzjoni terroristika u, f'dan ir-rigward, għall-iffriżar tal-fondi u l-assi kollha tagħhom, fejn tali reġistrazzjoni kienet tneħħiet minn regolament, adottat wara li ġie ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra l-ewwel wieħed minn dawn ir-regolamenti.

53 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rikorrent kellu interess ġuridiku peress li l-inklużjoni, skont l-att ikkontestat, ta' ismu fl-imsemmija lista kienet ikkawżatlu dannu morali ċert, li ppreġudika r-reputazzjoni tiegħu kkawżat minn "l-istigma u s-suspett li jakkumpanjaw in-nomina pubblika tal-persuni msemmija bħala marbuta ma' organizzazzjoni terroristika" u li l-annullament eventwali ta' dan l-att kien ta' natura li jagħtih benefiċċju, jiġifieri r-rijabilitazzjoni tiegħu u, għalhekk, ċertu forma ta' kumpens għad-dannu morali tiegħu.

54 Issa, dawn l-insenjamenti li jirriżultaw mis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), ma jistgħux jiġu trasposti għal miżuri restrittivi settorjali bħal dawk imposti mis-sistema kkontestata.

55 Fil-fatt, tali miżuri restrittivi settorjali, inkwantu dawn japplikaw b'mod ġenerali għall-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, huma ta' natura differenti ħafna minn dik tal-miżuri individwali tal-iffriżar ta' fondi u beni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għal din l-aħħar sentenza.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-miżuri restrittivi ta' portata ġenerali bħal miżuri settorjali inkwistjoni ma humiex immirati lejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi definiti, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri huwa stabbilit b'riferiment għal kriterji oġġettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 97).

57 F'dan il-każ, il-miżuri restrittivi previsti mis-sistema kkontestata kienu jikkonsistu essenzjalment fil-projbizzjoni tat-transazzjonijiet bejn il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, sakemm ma jkunux awtorizzati minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat, sabiex jiġi evitat, jekk ikun il-każ mingħajr l-għarfien tal-imsemmija banek u istituzzjonijiet

finanzjarji, it-trasferiment ta' fondi kollha, kull attivi jew riżorsi ekonomiċi oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari ta' dan l-Istat li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari.

58 Madankollu, il-fatt li l-attivitajiet ta' bank jew istituzzjoni finanzjarja, bħall-Bank Mellat setgħu jiġu affettwati minn miżuri restrittivi settorjali inkwistjoni ma jfissirx, hekk kif osserva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, li dawn il-miżuri jikkostitwixxu sanzjoni ta' aġir speċifiku attribwibbli lil din l-entità, dawn il-miżuri ġenerali li japplikaw irrispettivament minn parteċipazzjoni eventwali ta' din tal-aħħar fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana.

59 Għaldaqstant, b'differenza mill-miżuri restrittivi ta' portata individwali, ma jistax jiġi sostnut li l-miżuri restrittivi ta' portata ġenerali inkwistjoni jistgħu jikkawżaw, fir-rigward ta' operatur partikolari, dannu morali ċert, għar-reputazzjoni, komparabbli ma' dik ikkawżata minn l-istigma u s-suspett li jakkumpanjaw in-nomina pubblika tal-persuni msemmija bħala marbuta, pereżempju, ma' organizzazzjoni terroristika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 70) jew li l-eventwali annullament ta' dawn il-miżuri huwa ta' natura li jipprovdi benefiċċju lill-Bank Mellat, fil-forma tar-rijabilitazzjoni tiegħu, u b'hekk joffru xi forma ta' kumpens ta' tali dannu morali.

60 Barra minn hekk, fir-rigward tal-effetti li l-miżuri restrittivi previsti mis-sistema kkontestata jista' jkollhom fuq ċerti drittijiet u libertajiet li jistgħu eventwalment igawdu l-banek u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati, sa fejn tali miżuri jistgħu b'mod partikolari jkollhom l-effett li jimpedixxu l-konklużjoni ta' numru ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, għandu jitfakkar, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi, li l-miżuri restrittivi għandhom, mid-definizzjoni tagħhom stess, effetti li jaffettwaw, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' proprjetà u l-eżerċizzju liberu ta' attivitajiet professjonali, li jikkawżaw għalhekk danni lill-partijiet li ma għandhom ebda responsabbiltà fir-rigward tas-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tas-sanzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Lulju 1996, Bosphorus, C-84/95, EU:C:1996:312, punt 22, u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 149).

61 Issa, anki jekk l-eżistenza ta' dannu reparabbli, għandu jiġi kkunsidrat, hekk kif sostniet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 75 tas-sentenza appellata, li l-adozzjoni tas-sistema kkontestata ma kellhiex impatt distint u effettiv fuq il-Bank Mellat, peress li l-miżuri restrittivi individwali li ġie suġġett għalihom, matul il-perijodu kollu ta' applikazzjoni tas-sistema kkontestata, kienu jipprevedu restrizzjonijiet iktar stretti. Għalhekk, sa fejn dawn tal-aħħar kienu jikkonsistu fi ffriżar ġenerali tal-fondi u l-assi tiegħu, il-Bank Mellat ma setax, fi kwalunkwe każ, iwettaq l-ebda tranżazzjoni finanzjarja pprojbita permezz tal-miżuri settorjali previsti mis-sistema kkontestata.

62 Għalhekk, ir-revoka tal-iskema kkontestata fis-16 ta' Jannar 2016 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt, l-annullament tal-iskema kkontestata mill-qrati tal-Unjoni ma tistax tagħti lill-Bank Mellat benefiċċju li jista' jiġġustifika ż-żamma ta' interess ġuridiku.

63 Din il-konklużjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni mill-argument tal-Bank Mellat, skont liema l-persistenza tal-interess ġuridiku tiegħu jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, EU:C:2007:322), peress li tipprekludi lill-Kunsill milli jimplimenta mill-ġdid miżuri restrittivi, bħal dawk imposti mis-sistema inkwistjoni u li l-Bank Mellat jikkunsidra bħala illegali, f'każ fejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ma tosservax ċerti kundizzjonijiet skont il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt.

64 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, f'ċerti ċirkustanzi, rikorrent jista' jżomm interess li jitlob l-annullament ta' att imħassar fil-mori tal-kawża, sabiex l-awtur tal-att ikkontestat jagħmel, fil-futur, l-emendi xierqa u għalhekk jiġi evitat ir-riskju ta' repetizzjoni tal-illegalità li l-att huwa allegatament ivvizzjat biha (is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-239/12 P, EU:C:2013:331, punt 63).

65 Madankollu, il-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza, hekk kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tiegħu, jiġi limitat għal sitwazzjonijiet fejn ir-rikorrent juri b'mod preċiż u konkret l-eżistenza ta' riskju ta' repetizzjoni tal-illegalità allegata.

66 Madankollu, il-Bank Mellat illimita ruħu sabiex jallega b'mod ġenerali li tali riskju ta' repetizzjoni, mingħajr ma jindika b'mod preċiż l-elementi li jżidu l-probabbiltà li dan ir-riskju jseħħ.

67 Fil-fatt, jekk ma jistax jiġi eskluż b'mod definittiv li, fil-futur, jiġu adottati miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, kif sostna l-Bank Mellat, f'tali każ din tkun sitwazzjoni ġdida li tagħti lok, jekk ikun il-każ, għal miżuri restrittivi li jieħdu l-forma ta' miżuri paragunabbli għal dawk li timponi s-sistema kkontestata, jew miżuri ta' natura oħra. Madankollu, anki jekk l-illegalità tas-sistema kkontestata, li ma ġietx stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi ipoteżi li r-repetizzjoni ta' tali illegalità allegata minn l-adozzjoni, fil-ġejjieni, ta' miżuri restrittivi simili għal din is-sistema ma hijiex biżżejjed sabiex turi, b'mod partikolari inkunsiderazzjoni tal-libertà kbira li għandu l-Kunsill li jiddefinixxi s-suġġett ta' miżuri restrittivi (is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 88), b'mod suffiċjentement preċiż u konkret ir-riskju ta' repetizzjoni bħal din sabiex il-Bank Mellat iżomm interess ġuridiku f'din il-kawża.

68 Minn dan isegwi, fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 50 ta' din is-sentenza, li ma kienx għad baqa' lok li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fuq ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Bank Mellat kontra s-sistema kkontestata, peress li, fil-mori tal-kawża u qabel l-għoti tas-sentenza appellata, il-Bank Mellat kien tilef kull interess ġuridiku kontra din is-sistema inkwistjoni. Fil-fatt, minħabba t-tħassir tiegħu b'effett mis-16 ta' Jannar 2016 u fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 51 sa 67 ta' din is-sentenza, dan ir-rikors ma kienx jista', permezz tal-eżitu tiegħu, jagħtih benefiċċju.

69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

**Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali**

70 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din, fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' tiddeċiedi b'mod definittiv it-tilwima, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Dan huwa l-każ f'din il-kawża.

71 Peress li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata minħabba l-assenza tal-persistenza tal-interess ġuridiku tal-Bank Mellat bħala rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi kkonstatat li ma hemmx iktar lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq ir-rikors ippreżentat minn din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Fuq l-ispejjeż**

72 Skont l-Artikolu 142 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, fil-każ li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

73 Billi s-sentenza appellata hija annullata iżda l-Bank Mellat li tilef l-interess ġuridiku tiegħu bħala rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok li jiġi deċiż li l-Bank Mellat u l-Kunsill għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta kemm mal-proċedura tal-appell kif ukoll mal-proċedura tal-ewwel istanza.

74 Skont l-Artikolu 184(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk intervenjent fl-ewwel istanza jkun ipparteċipa fil-fażi bil-miktub jew orali tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din tista' tiddeċiedi li huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

75 Konsegwentement, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Ġunju 2016, Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-160/13, EU:T:2016:331), hija annullata.**

**2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors ippreżentat bin-numru T-160/13 mill-Bank Mellat, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, jew tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn hija ma tipprevedix eċċezzjoni li tapplika għall-każ tal-Bank Mellat, kif ukoll it-talba tagħha intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, ma tapplikax għalih.**

**3) Il-Bank Mellat u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom marbuta kemm mal-proċedura tal-appell kif ukoll tal-proċedura fl-ewwel istanza.**

**4) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem